



Brussell, 16 ta' Diċembru 2024
(OR. en)

16977/24

POLCOM 312
FDI 82

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ĝeneralis tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati
Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-futur tal-politika Ewropea dwar
il-protezzjoni tal-investiment
– Konklużjonijiet tal-Kunsill (16 ta' Diċembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet
tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar il-futur tal-politika Ewropea dwar il-protezzjoni
tal-investiment, approvati mill-Kunsill fl-4069 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Diċembru 2024.

ANNESS

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar il-futur tal-politika Ewropea dwar il-protezzjoni tal-investiment

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL

1. JENFASIZZAW l-importanza ta' ftehimiet fil-livell tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni tal-investiment peress li huma strumenti ewlenin fl-iżgurar ta' qafas koerenti ta' protezzjoni tal-investiment fl-UE;
2. JIRRIKONOXXU l-importanza tad-dibattitu strateġiku dwar il-futur tal-politika Ewropea dwar il-protezzjoni tal-investiment mibdi mill-Presidenza Ungerija;
3. IĦEĠĠU t-tkomplija tad-djalogu fil-Kunsill biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali li jikkonċernaw b'mod partikolari n-negozjar u d-dħul fis-seħħħ tal-ftehimiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-investiment;
4. JISTIEDNU lill-Kummissjoni tapplika r-Regolament 1219/2012 bi flessibbiltà suffiċjenti biex tippermetti lill-Istati Membri li qed jinnegozjaw iwettqu n-negozjati tagħhom b'mod effettiv filwaqt li jiżguraw ir-rispett sħiħ tad-dritt u l-politika tal-UE;
5. JISSOTTOLINJAW il-valur tal-inizjattivi ta' riforma multilaterali li għaddejjin fil-Grupp ta' Ħidma III tal-UNCITRAL u fil-qafas tal-programm ta' ħidma tal-OECD dwar il-Futur tat-Trattati ta' Investment;
6. JAPPELLAW għat-tkomplija tad-djalogu u l-kooperazzjoni tal-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-tfassil tal-politika tal-UE dwar il-protezzjoni tal-investiment.